

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2017 – Devin vs EUIPO – Haskovo (DEVIN)**(Kawża T-122/17)**

(2017/C 121/67)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* Devin AD (Devin, il-Bulgarija) (rappreżentant: B. Van Asbroeck, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Haskovo Chamber of Commerce and Industry (Haskovo, il-Bulgarija)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni "DEVIN" – Trade mark tal-Unjoni Nru 9 408 865*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Diċembru 2016 fil-Każ R 579/2016-2**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla d-deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' Jannar 2015 mid-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni fil-Każ Nru 9 559;
- tiċħad fl-intier tagħha, jew tal-inqas parzjalment, it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa mir-rikorrenti kontra t-trade mark tal-Unjoni Ewropea "DEVIN" Nru 9408865 għall-prodotti kollha fil-klassi 32;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tiegħu u għal dawk tar-rikorrenti.

Motivi invokati

- ksur tal-Artikolu 52(1)(a) moqri flimkien tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009;
- sa fejn il-Bord tal-Appell ma kisirx l-Artikolu 7(1)(c), ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Frar 2017 – Consorzio IB Innovation vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-126/17)**

(2017/C 121/68)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet***Rikorrent:* Consorzio IB Innovation (Bentivoglio, l-Italja) (rappreżentanti: A. Masutti u P. Manzini, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

- tikkonstata li l-Kummissjoni interpretat u applikat b'mod żbaljat il-GA CONTAIN u l-GA ICARGO billi aċċettat ir-rapport tal-awditur fir-rigward tal-aspetti kollha enfasizzati fir-rikors;